## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' MARZU, 2002

**Avviz Nru: 196/01 AJD**

**Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom tal-kumpanija estera Royal & Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Jarrard Strickland u l-istess Jarrard Strickland**

**vs**

**Vincent Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Marzu, 2001, fejn gie premess li fil-11 ta' Awissu, 2000, l-attur Strickland kien qed isuq il-vettura tieghu JRS 222, assikurata mal-kumpanija attrici, minn St. Vennera Bypass meta gie milqut minn wara mill-vettura FBL 976 misjuqa mill-konvenut. L-atturi interpellaw lill-istess konvenut u l-assikurazzjoni tieghu biex ihallsu d-danni li kienu jammontaw ghal mija u seba' u tmenin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm187.78), izda ghal ta' xejn. Ghalhekk l-atturi qeghdin jaghmlu din il-kawza li biha qeghdin jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u seba' u tmenin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm187.78) danni kagonati bhala konsegwenza tal-kollizjoni fuq imsemmija kwantu ghal mija u tnejn u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin

centezmu (Lm162.78) lill-kumpanija attrici, liema somma sburzat taht il-polza, u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) lill-attur li harighom minn butu – prevja li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-imsemmija kollizjoni li grat tort tieghu.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru, 2000, u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) minn din id-data, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Joe Mula, ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u seba' u tmenin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm187.78), in kwantu ghal mija u tnejn u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm162.78) lis-socjeta' attrici, u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin lill-attur, bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**